**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**
**-vs-**
**Mustafa Mohamud Mohamed, detentur tal-karta ta' l-identità 0051094A.**

*Kawża Sommarja Nru.2964/2025*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Mustafa Mohamud Mohamed** u ċioè talli:

**Nhar id-disa' (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) għall-ħabta ta' bejn s-sebgħa ta' filgħodu (07:00hrs) u d-disa' u kwart ta' filgħodu (09:15hrs) , ġewwa Triq Santu Wistin, San Ġiljan, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Abdi Mohamed Ahmed, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Abdi Mohamed Ahmed, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa, u dan hekk kif iċċertifikat minn Dr. Sarah Debattista (Med. Reġ. 3945);

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reati waqt-il perijodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi ghal zmien erbghin snin mgħotija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, nhar il-24/06/2024;

3. Aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv, b'sentenzi li huma definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża, u ċioe' ta' Abdi Mohamed Ahmed jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat Mustafa Mohamud Mohamed skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u f'każ ħtija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiża u l-familja tagħha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-liġi, tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**IL-PROVI**

Fl-ewwel seduta malli l-parte leża ħa il-pedana tax-xiehda iddikjara li qed jirrinunzja għall-azzjoni legali fil-konfront tal-imputat. Din id-dikjarazzjoni, bil-ġurament, ġiet konfermata wara li l-Qorti spjegatlu li f'każijiet ta' nuqqas ta' ħtija ma tistax itieh xi forma ta' protezzjoni mill-imputat. Hu saħaq li ma kellu bżonn l-ebda forma ta' protezzjoni minn sieħbu.

Fil-fatt tenna li lanqas kien il-kwerelant peress li kienet il-Pulizija li, b'effiċjenza u b'qadi tassew professjonali ta' dmirijietha, mill-ewwel mexxiet fil-konfront tal-imputat wara li ġiet rappurtata il-ġlieda bejnu w l-parte leża.

Illi l-artikolu 221(4) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi -

**221**. ......

> (4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(*a*) u (*b*).

In vista tas-suespost, meta l-akkużi miġjuba lkoll jiddependu fuq ix-xiehda tal-parte leża, li issa qed tirrinunzja għall-kwalunkwe azzjoni fil-konfront tal-imputat magħdud mal-fatt li qatt ma għamlet kwerela fil-konfront tal-istess, il-każ tal-Prosekuzzjoni ma jistax jiġi pruvat.

Il-Qorti terġa ttenni li dan il-każ ma rnexxiex mhux minħabba xi difett tal-mod li l-Prosekuzzjoni mexxiet l-istess proċeduri il-quddiem li kien impekabbli sa mill-bidu nett mal-mument tad-detenzjoni tal-imputat, l-investigazzjoni u s-segwenti arrest tiegħu, iżda dan seħħ b'konsegwenza ta' dak stipulat fil-Liġi.

Għal dawn il-motivi l-imputat qed jiġi liberat minn kwalunkwe ħtija w piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**